MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Numru 172/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmen Said**
**Joseph Said**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmen Said u Joseph Said talli fl-14.8.98 ghal habta tal-1.30 u 2.30am Carmen Said, li f'isimha ghandha l-licenzja tal-Pulizija tad-Diskoteka 'La Grotta' li jinsab fi Triq ix-Xlendi, (1) ippermettiet lill Jospeh Said li hu administratur ta' l-istess diskoteka 'La Grotta' illi jzomm il-volum tal-muzika gholja u b'hekk dejjaq lil Joseph Parns mill-Munxar, kif ukoll (2) talli ppermettiet li jinkisru r-regolamenti tal-licenzja fdata lilha; u Joseph Said kien akkuzat li bhala administratur u bhala l-persuna li ghandha fdata f'idejh it-tmexxija tad-diskoteta 'La Grotta'

dejjaq lil Joseph Parnis minn Munxar, Ghawdex, billi zamm il-volum tal-muzika gholi u b'hekk kiser il-mistrieh tan-nies;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta' Lulju 2004 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Carmen Said u Joseph Said hatja u, wara li ghamlet referenza ghall-Artikoli 318 tal-Kap. 10 u 338(m) tal-Kap. 9, ikkundannathom ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kull wiehed;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmen Said u Joseph Said, minnhom ipprezentat fit-12 ta' Awissu 2004, li permezz tieghu talbu r-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-10 ta' Settembru 2004 l-appellanti, permezz tad-difensur taghhom l-Avukat Dott. Vincent Galea, irtiraw u cedew l-ewwel aggravju taghhom u cioe` dwar in-nullita` tal-sentenza appellata. Fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2004 l-appellanti eccepew il-preskrizzjoni trimestrali u dan, fi kliem il-verbal stess, "peress illi f'aktar minn okkazjoni wahda ghaddew aktar minn tliet xhur bejn notifika u ohra". Fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2005 l-appell gie differit ghas-sentenza. Hu evidenti li l-ewwel li trid tigi deciza hija l-pregudizzjali tal-preskrizzjoni.

Ghandu jinghad a propositu li bl-emenda introdotta fl-Artikolu 687 tal-Kodici Kriminali b'effett mill-1 ta' Mejju 2002, ir-regim tal-preskrizzjoni fil-kawzi penali tbiddel radikalment. B'effett tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu, illum il-preskrizzjoni hija sospiza "mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuza". Din il-Qorti ma tarax il-htiega li tidhol fil-kwistjoni ta' jekk din id-disposizzjoni l-gidia – cioe` s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 687 – ghandux japplika jew le ghall-kawzi kollha li

kienu pendenti fl-1 ta' Mejju 2002 – dak li hu cert hu li jekk qabel l-1 ta' Mejju 2002 l-azzjoni waqghet bi preskrizzjoni skond ir-regoli allura fis-sehh, din id-disposizzjoni l-gdida ma setax ikollha l-effett li tirravviva l-azzjoni (ara a propositu s-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Lewis Cordina***). Jinghad ukoll li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li f'dan il-kaz l-imputazzjonijiet jipotizzaw reati li huma ta' natura kontravvenzjonali b'mod li japplika l-paragrafu (f) ta' l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, cioe` l-preskrizzjoni ta' tlett xhur.

F'dan il-kaz japplikaw l-istess dati, notifiki u termini fir-rigwarda tal-appellanti Carmen Said u Joseph Said li diga` ssemmew fis-sentenza, moghtija llum, fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Carmen Said, George Said u Joseph Said*** (Appell nru. 169/04), u a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti qed taghmel referenza ghal dik is-sentenza. Ghall-istess ragunijiet moghtija f'dik is-sentenza, ghalhekk, tiqla' l-pregudizzjali sollevata mill-appellanti Carmen Said u Joseph Said u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera liz-zewg appellanti minn kull imputazzjoni u htija minhabba l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kif fuq inghad.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------